# Leħen il-Parroċċa

## San Franġisk t'Assisi Qawra - Buġibba

Mejju 2012 - Numru 073

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Kelma lilek li ġie f'idjejk dan il-fuljett. L-Għid li għadna kemm iċċelebrajna hu l-akbar festa li hawn fid-dinja, temmen jew ma temminx. Kristu BISS rebaħ il-mewt. F'dak il-lejl qaddis niftakru kif Alla ħeles lil poplu tiegħu, meta kien magħfus minn wara mill-Eġizzjani u ma setax jaħrab għax kellu l-ilma tal-baħar quddiemu. Alla fetaħlu triq fil-baħar.

Kristu permezz tas-salib, daħal fil-mewt, niżel sal-qiegħ nett, iġifieri niżel taħt il-ħażen kollu tiegħi u tiegħek, u qam. U miegħu nistgħu nqumu jien u int ukoll. Meta fil-lejl tal-Għid is-saċerdot ibierek l-ilma tal-fonti, idaħħal idejh u jofroq l-ilma b'sinjal li Alla jixtieq, jekk trid int, jofroq l-ilma tal-baħar imqalleb li għaddejja int minnu bħalissa.



Kull meta nagħmlu s-sinjal tas-salib bl-ilma mbierek inkunu qegħdin niftakru fl-ilma tal-magħmudija tagħna. Fil-Parroċċa tagħna dan is-sinjal jidher ċar għax il-fonti tal-ilma mbierek hu l-istess battisteru li fih jitgħamdu uliedna. U meta f'dan iż-żmien ikollna dak li ngħidulu t-tberik, ifakkarna li dan l-istess ilma jitraxxax fuq djarna, mhux tant fuq il-ġebel jew l-għamara, imma fuqna waqt li aħna nbierku 'l Alla li tana r-rigal taż-żerriegħa tal-magħmudija.

Il-magħmudija hi l-isbaħ rigal li qatt stajt tirċievi wara r-rigal tal-ħajja. Forsi għadek ma ndunajtx. Bħal meta xi ħadd fqir, bil-ġuħ, ħwejjeġ imqattgħin, qed jitlob il-karità u ma jindunax li qiegħed bilqegħda fuq id-djamanti. Il-katekeżi li qed isiru kull nhar ta' Tnejn u Ħamis fil-Parroċċa tagħna jifthulek għajnejk. Ejja nagħmlu din l-esperjenza flimkien.

Kunu mberkin.

***P. Christopher Galdes OFM Conv.***

"Infaħħrek MULEJ, mal-Ħolqien kollu!"

# SAĦĦAĦ IL-FIDI TIEGĦEK

'Bla fidi hu impossibli tgħoġob lill-Alla'. Il-fidi hi bbażata fuq Alla li wera lilu innfsu permezz ta' Ġesu Kristu. Bħala għejjun tal-Fidi Kattolka Nisranija għandha: it-Tradizzjoni, li tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra, l-Iskrittura, il-fatti li ġew miktuba wara li seħħu jew li ntqalu, il-Maġisteru tal-Knisja, li mdawwla mill-Ispirtu s-Santu, u msaħħa mit-Tradizzjoni, l-Iskrittura w is-Santi Padri (missierijiet tal-Knisja) tippprovdilna il-veritajiet tal-Fidi, li huma infallibli u li kull nisrani jrid jemmen biex ikun verament Kattolku-Nisrani.

Il-Fidi tiġi mis-smiegħ tal-Kelma t'Alla l-ewwel u qabel kollox. Għalhekk li wieħed jisma' l-quddiesa fil-weekend, hu il-minimu biex wieħed ma jmutx spiritwalment. Il-quddiesa ma rridux inħarsu lejha bħala ħaġa ta' bilfors, imma bħala ħtieġa. Bħalma l-ikel u x-xorb huma ħtieġa biex ngħixu, hekk ukoll il-Kelma t'Alla u l-Ewkaristija huma ħtieġa biex nissaħħu fil-Fidi u inkunu nistgħu nipprattikaw dak li nemmnu.

L-akbar disgrazzja li tista' tiġi fuq nisrani hu li jitlef il-Fidi. Biex wieħed jipperikola li jitlef il-Fidi, jgħidu l-missirijiet tal-Knisja, basta jfalli tlett quddisiet tal-Ħadd wara xulxin. Titlef il-Fidi jfisser li tibda taħseb kif tahsibha u tirraġuna kif tirraġuna d-dinja. Għal min jitlef il-Fidi, Ġesu, għalih, ma jibqax l-istess Verita, it-Triq u l-Ħajja, imma isir opinjoni differenti, u mhux Verita infallibli. Hekk jidħol ir-relattiviżmu ħelu ħelu, bla ma nindunaw.

Bħalissa fil-Parroċċa tagħna qed isir kors ta' katekeżijiet għall-Adulti biex insaħħu l-Fidi tagħna' li jkunu kull nħar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis, fis-7.30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Qawra. Dan qed isri biex insaħħu l-Fidi tagħna u jekk tlifniha nerġgħu insibuha.

***Fr Samwel M Chetcuti OFM Conv***

# MEETING GOD



A little boy wanted to meet God. He knew it was a long trip to where God lived, so he packed his suitcase with a bag of potato chips and a six-pack of root beer and started his journey.

When he had gone about three blocks, he met an old man. He was sitting in the park, just staring at some pigeons. The boy sat down next to him and opened his suitcase. He was about to take a drink from his root beer when he noticed that the old man looked hungry, so he offered him some chips. He gratefully accepted it and smiled at him.

His smile was so pretty that the boy wanted to see it again, so he offered him a root beer. Again, he smiled at him. The boy was delighted!

They sat there all afternoon eating and smiling, but they never said a word..

As twilight approached the boy realized he was tired and got up to leave, but before he had gone no more than a few steps, he turned around, ran back to the old man, and gave him a hug. He gave him his biggest smile ever..

When the boy opened the door to his own house a short time later, his mother was surprised by the look of joy on his face. She asked him, "What did you do today that made you so happy?"

He replied, "I had lunch with God." But before his mother could respond, he added, "You know what? He's got the most beautiful smile I've ever seen!"

Meanwhile, the old man, also radiant with joy, returned to his home.

His son was stunned by the look of peace on his face and he asked, "dad, what did you do today that made you so happy?"

He replied "I ate potato chips in the park with God." However, before his son responded, he added, "You know, he's much younger than I expected."

Too often we underestimate the power of a touch, a smile, a kind word, a listening ear, an honest compliment, or the smallest act of caring, all of which have the potential to turn a life around. People come into our lives for a reason, a season, or a lifetime! Embrace all equally!

# PROGRAMM TAT-TBERIK 2012

## It-tberik jibda fl-4.30pm u jsir maż-żewġ naħat tat-triq.

---

**It-Tnejn 30 t'April**

Qawra: Fugass, Melħ, Xtut, Boxxla, Qala

---

**It-Tlieta 1 TA' MEJJU**

Qawra: Qawra Road (il-flats tal-Big Ben sa Fra Ben)

---

**L-Erbgħa 2 ta'Mejju**

Qawra: Turisti (kantuniera Cassarino sa kantuniera ma' Konventwali)

---

**Il-Ħamis 3 ta' Mejju**

Qawra: Arzell, Artikli, Rizzi, Brankutli, Bekkun

Buġibba: Triq Damasku, Triq Ġwiebi

---

**Il-Ġimgħa 4 ta' Mejju**

Qawra: Majjiera, Loria, l-Istamnar, Luzzu, Despott

---

**It-Tnejn 7 ta' Mejju**

Qawra: L-Iskuna, Tamar (tmiss ma' l-iskuna)

Buġibba: Triq il-Ħatab

---

**It-Tlieta 8 ta' Mejju**

Qawra: Porzjunkola, Fregatina, Tamar (tmiss ma' dawn)

Buġibba: Triq San Xmun

---

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju**

Qawra: Nawċiera, A. Cunningham, Mountbatten, De Lucca.

Buġibba: Triq San Antin (minn Triq ix-Xitwa sa Triq il-Bajja)

---

**Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju**

Qawra: Tamar (minn De Lucca sa Triq it-Turisti), Nizza, Nelson.

Buġibba: Triq San Antnin (minn Triq il-Plajja Bognor sa Triq Xitwa)

---

### It-Tnejn 14 ta'Mejju

Buġibba: Triq Ġulju (minn Triq S. Antnin sa Triq l-Ankri)

### It-Tlieta 15 ta'Mejju

Buġibba: Triq Ġulju ( minn Triq l-Ankri sa Triq l-Pijunieri)

### Il-Ħamis 17 ta' Mejju

Buġibba: Triq il-Ħġejjeġ (minn Triq il-Pijunieri sa Triq il-Ħatab)

### Il-Ġimgħa 18 ta'Mejju

Buġibba: Triq il-Ħġejjeġ (minn Triq l-Ħatab sa Triq L.Preziosi)

### It-Tnejn 21 ta'Mejju

Buġibba: Triq il-Ġifen (minn Triq il-Pijunieri sa Triq il-Ħatab)

### It-Tlieta 22 ta'Mejju

Buġibba: Triq il-Ġifen (minn Triq il-Ħatab sa Plajja Bognor)

### Il-Ħamis 24 ta'Mejju

Buġibba: Triq il-Pijunieri (minn Triq il-Gifen sa Triq Ġulju)

### Il-Ġimgħa 25 ta'Mejju

Buġibba: Triq il-Pijunieri (minn Triq Ġulju sa Triq il-Bajja)

"We always find that those who walked closest to Christ were those who had to bear the greatest trials."

- St. Teresa of Avila

"Pray with great confidence, with confidence based upon the goodness and infinite generosity of God and upon the promises of Jesus Christ. God is a spring of living water which flows unceasingly into the hearts of those who pray."

- St. Louis de Montfort

MUMS & TOTS

Baby & Toddler Group

would like to thank

V&F PORTELLI
SINCE 1906

for supporting us with their products

Organix

JOVI

HANDYMAN SERVICE
AND
PROPERTY MAINTENANCE

ON CALL 24 HOURS A DAY,
SEVEN DAYS A WEEK

**CONTACT: 79827425**



FOR ALL KIND OF:

**GENERAL REPAIRS - PAINTING AND DECORATING - PLUMBING - ELECTRICAL WORKS FITTING - FIXING & ASSEMBLING**

# ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU TAL-KAPPILLAN U TAL-QUDDIES

| | **Ħin tal-Quddies Qawra**<br>San Franġisk t'Assisi | **Ħin tal-Quddies Buġibba**<br>San Massimiljan Kolbe |
|---|---|---|
| **It-Tnejn - Ġimgħa** | 7:30am, 8:30am, 6:30pm | 8:00am |
| **Is-Sibt** | 7:30am, 8:30am, 6:30pm | 8:00am, 7:00pm |
| **Il-Ħadd** | 8:00am, 9:30am, 11:00am, 6:30pm | 9:00am, 7:00pm |

**Nota: Qabel kull Quddiesa jkun hemm ir-Rużarju Mqaddes.**
**Is-Sagrament tal-Qrar ikun dejjem nofs siegħa qabel il-Quddiesa.**

| | **Ħin ta' l-uffiċċju** | **Ikun Preżenti** |
|---|---|---|
| **It-Tnejn** | 4:30pm-6:00pm | Fr Christopher Galdes (Kappillan) |
| **It-Tlieta** | 10:00am-12:00pm | CLOSED/MAGĦLUQ |
| **L-Erbgħa** | 4:30pm-6:00pm | Fr Christopher Galdes (Kappillan) |
| **Il-Ġimgħa** | 10:00am-12:00pm | Mr Joe Magro |
| **Is-Sibt** | 10:00am-12:00pm | Fr Christopher Galdes (Kappillan) |

# MIR-REĠISTRU TAL-PARROĊĊA

**MAGĦMUDIJIET**

| | | |
|---|---|---|
| 392 | Eve Azzopardi Demanuele | 26.2.2012 |
| 393 | Eliana Falzon | 26.2.2012 |
| 394 | Timea Vale Tonna | 26.2.2012 |
| 395 | Shezmea Fenech | 26.2.2012 |
| 396 | Theo Chima Amaliri | 25.3.2012 |
| 397 | Kenzi Vella | 25.3.2012 |
| 398 | Jayden Attard Stubbings | 7.4.2012 |
| 399 | Zachary Cachia | 9.4.2012 |
| 400 | Benjamin Caruana Rizzo | 14.4.2012 |
| 401 | Elysia-Jane Micallef | 15.4.2012 |

**INGĦAQDU MAL-MISSIER**

| | | |
|---|---|---|
| 138 | Julian Cefai | 26.3.2012 |
| 139 | Alan Joe Woodridge | 12.4.2012 |

# KALENDARJU TA' ATTIVITAJIET - MEJJU 2012

| | | |
|---|---|---|
| 1 | It-Tlieta | Jum il-Ħaddiem. |
| 4 | Il-Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. 9.00am Pellegrinaġġ għar-Redentur. |
| | | Fis-7.00pm Adorazzjoni tal-Ħniena Divina. |
| 8 | It-Tlieta | Festa tal-Madonna ta' Pompei. |
| | | Fl-4.30pm Quddiesa għall-ommijiet u tfal taċ-Ċentru Tagħlim Nisrani. |
| 10 | Il-Ħamis | Fit-8.30am Quddiesa fis-Santwarju tal-Mellieħa u wara Buffet Breakfast fir-Ramla Bay Hotel. |
| 13 | Il-Ħadd | JUM L-OMM |
| 21 | It-Tnejn | Fis-7.00pm Laqgħa għall-ġenituri u parrini tat-tfal li se jirċievu l-Griżma fil-Knisja. |
| 24 | Il-Ħamis | Fl-4.30pm L-aħħar laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li se jagħmlu l-Preċett fi Blk C. |
| 26 | Is-Sibt | Ċelebrazzjoni Djoċesana Vġili Pentecoste. |
| 27 | Il-Ħadd | Pentecoste. |
| | | Fl-4.00pm Ċelebrazzjoni tal-**Griżma tal-Isqof.** |
| 29 | It-Tlieta | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-Knisja ta' San Massimiljan, Buġibba wara il-quddiesa tat-8.00am. |
| 30 | L-Erbgħa | Quddiesa u wara Buffet Breakfast fil-Cavallieri Hotel, Sliema. |




**Uffiċċju Parrokkjali, Triq Annetto Caruana, Qawra SPB1211**

Tel: Uffiċċju Parrokkjali - Kappillan: 21577088 (ext 1)

Tel: Kunvent: 21577088   Fax: 21577848

Email: frangiskaniqawra@gmail.com

Web: http://www.qawrachurch.com